Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8775 — Shell/Impello)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 34/13)

1. Fit-22 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Shell Petroleum Company Limited ("Shell Petroleum", ir-Renju Unit), li tappartjeni għall-kumpaniji tax-Shell Group, li hi kontrollata minn Royal Dutch Shell plc ("Shell", ir-Renju Unit);

— Impello Limited ("Impello", ir-Renju Unit).

Shell jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Impello kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Shell: grupp globali ta' kumpaniji tal-enerġija u petrolkimiċi b'attivitajiet ta' esplorazzjoni taż-żejt u l-gass, il-produzzjoni, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u t-trasport bil-baħar ta' prodotti taż-żejt u ta' kimiċi, u prodotti tal-enerġija rinovabbli. Shell hu attiv ukoll fin-negozju u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriċità u tal-gass, inklużi r-Renju Unit u l-Ġermanja.

— Impello: fornitur indipendent tal-enerġija għal klijenti domestiċi fir-Renju Unit u fil-Ġermanja (magħrufa bħala l-Ewwel Utilità).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8775 — Shell/Impello

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.